MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Numru. 535/2002

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Bartolo)
vs
Jeremy James Camilleri, iben Joseph, imwieled l-Imtarfa
fis-26 ta’ ottubru, 1974

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn id-9 ta’ april, 2002 u ix-xhur ta’ qabel din id-data, fil-Qrendi, daħal f’dar jew f’lok ieħor jew reċint, u cioe’ fit-tempji ta’ l-Imnajdra bil-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kodiċi Kriminali;
2. talli fl-istess perjodu ta’ żmien, lok u ċirkostanżi bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, u cioe’ il-Gvern ta’ Malta, għamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta’ ta’ ħaddieħor;

3. talli fl-istess perjodu ta’ żmien, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn ħames mitt lira maltin (Lm500) li saret għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta’ awisuu, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu litista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 264, 265, 266, 330, 325(a), 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ jannar, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-9 ta’ april, 2002 ixxandar program li jismu ‘Bondi +’ li kien jitratta kif kien faċli għal kwalunkwe persuna d-dħul fit-tempju ta’ l-Imnajdra u b’konsegwenza ta’ dan kemm il-patrimonju malti kien fir-riskju ta’ atti vandali li jistgħu jikkompromettu l-integrita’ ta’ bini bħal dan. Id-dħul f’dan il-post sar permezz ta’ toqba li kien hemm fir-reċintzjoni ta’ madwar dan i-tempju. Il-persuni li daħlu f’dan il-post għamlu dan billi ressqu il-‘wire fencing’ li kien maqtugħ. Dan kien tip ta’ program li f’dawk iż-żminijiet kien popolari ħafna billi kien jitfgħu dawl fuq il-problemi ta’ sigurta’ ta’ ċerti postijiet u konsegwenza ta’ dan il-programm ittieħdu misuri biex tiġi mtejba s-sigurta’ f’dawn il-postijiet.

Illi l-pulizija ġiet mitluba li tinvestiga dan il-każ.  Il-pulizija marru għand il-PBS u minn hemm ġabru kopja tal-programm li xxandar fid-data hawn fuq indikata.  Illi mill-video ta' dak il-programm ma tidhirx persuna li qed taqta' l-wire iżda jirrizulta li l-'crew' ta' 'Bondi +' kienu daħlu ġot-tempju.

Illi l-għada tax-xandir ta' dan il-programm impjegati tad-Dipartiment tal-Mużew marru fuq il-post u ikkonstataw li effettivament sabu toqba li minnha seta' jgħaddi raġel.  Il-ħsara ġiet stmata fis-somma ta' madwar Lm500.

Illi jirrizulta li dan il-wire fencing kien ġie spezzjonat l-aħħar darba fit-3 ta' april, 2002 fejn id-9.00 a.m. u l-10.00 a.m.  Din l-ispezzjoni saret min-naħa tal-perit tad-dipartiment mal-kuntrattur biex jiġi verifikat li kollu kien sar sew biex jinħareġ rapport mill-perit li jiċċertifika li l-'wire fencing' kien sar sew u għalhekk il-kuntrattur seta' jitħallas.

Illi l-pulizija pproduċiet erba' 'watchmen' iżda dawn ma tefgħu ebda dawl fuq dak li kien ġara.

Illi ma hemm ebda prova li l-imputat għamel xi ħsara lil dan il-'wire fencing' jew li l-proprjeta' fejn daħal l-imputat hi tal-Gvern ta' Malta, wisq anqas li l-imputat għamel xi ħsara fil-post indikat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------